2024/2796

28.10.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/2796

tat-22 ta' Ottubru 2024

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/2/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bl-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), inkluż id-deċiżjoni tal-ħatra ta' Kap tal-Missjoni, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli").

(2) Fil-25 ta' Awwissu 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1436 ([2]), li taħtar lis-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala Kap tal-Missjoni tal-EUAM RCA mill-1 ta' Settembru 2022 sal-31 ta' Awwissu 2023.

(3) Fit-28 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1333 ([3]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 u testendi l-mandat tal-EUAM RCA sad-9 ta' Awwissu 2024.

(4) Fid-19 ta' Lulju 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1512 ([4]), li testendi l-mandat tas-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM RCA mill-1 ta' Settembru 2023 sad-9 ta' Awwissu 2024.

(5) Fis-17 ta' Lulju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2021 ([5]), li testendi l-mandat tas-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM RCA mill-10 ta' Awwissu 2024 sal-31 ta' Ottubru 2024, soġġett għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat tal-EUAM RCA lil hinn mid-9 ta' Awwissu 2024.

(6) Fit-22 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2003 ([6]), li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 u testendi l-mandat tal-EUAM RCA sal-31 ta' Ottubru 2024.

(7) Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2723 ([7]) li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 u testendi l-mandat tal-EUAM RCA sas-7 ta' Awwissu 2026.

(8) Fl-20 ta' Ġunju 2024, ir-Rappreżentant Għoli ppropona li jiġi estiż il-mandat tas-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUAM RCA sad-9 ta' Awwissu 2025,

([1]) ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1436 tal-25 ta' Awwissu 2022 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni għall-Missjoni ta' Konsulenza tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2022) (ĠU L 225, 31.8.2022, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1333 tat-28 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 25).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/1512 tad-19 ta' Lulju 2023 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2023) (ĠU L 184, 21.7.2023, p. 30).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/2021 tas-17 ta' Lulju 2024 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (EUAM RCA/1/2024) (ĠU L, 2024/2021, 23.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2021/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2003 tat-22 ta' Lulju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L, 2024/2003, 23.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2003/oj).
([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2723 tal-21 ta' Ottubru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L, 2024/2723, 22,10,2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2723/oj)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur José Manuel MARQUES DIAS bħala l-Kap tal-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Novembru 2024 sad-9 ta' Awwissu 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK